# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 26 ta' Ottubru 2021**

**Talba Nru: 50/2020 JG**
**Numru fuq il-lista: 2**

**SENTENZA PRELIMINARI**

**Montaldo Insurance Agency Limited (C1052) għan-nom u in rappresentanza tas-soċjetá assikuratriċi Mapfre Middlesea p.l.c. u kif surrogat fid-drittijiet tal-assigurat tagħha William Casingena u l-istess William Casingena (ID 0495087(M))**

**Vs**

**Sindku u Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u l-Awtoritá għat-Trasport f'Malta**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba datata 7 ta' Frar 2020[1];

Ra r-risposta tal-awtoritá konvenuta datata 26 ta' Frar 2020[2];

Ra r-risposta tal-Kunsill konvenut[3];

Ra l-verbal magħmul quddiem dan it-Tribunal kif diversament preseduta tal-10 ta' Marzu 2020, fejn ġie deċiż li ssir t-trattazzjoni dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari sollevata mill-Kunsill Lokali[4].

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kunsill Lokali[5];

Ra d-digriet mogħti mil-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut[6];

Ra n-nota tal-Awtoritá konvenuta[7];

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetá attriċi[8];

Ra l-atti proċesswali kollha;

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal tal-24 ta' Mejju 2021[9];

---

[1] A fol 1 *et seq.*
[2] A fol 8 *et seq* tal-proċess.
[3] A fol 13 tal-proċess.
[4] Erronjament dan jindika li kien hemm eċċezzjoni preliminari dwar il-preskrizzjoni, meta ma huwiex il-każ.
[5] Ippreżentata fil-4 ta' Settembru 2021 u tinsab a fol 23 *et seq* tal-proċess.
[6] A fol 33.
[7] A fol 36.
[8] Din tibda a fol 37 tal-proċess.
[9] Dan jibda a fol 57 tal-proċess.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal tat-8 ta' Lulju 2021[10];

Sema' t-trattazzjoni finali dwar it-tieni eċċezzjoni tal-Kunsill Lokali konvenut, liema trattazzjoni ġiet debitament reġistrata u traskritta kif hekk ordnat[11];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi din hija sentenza preliminari dwar l-ewwel eċċezzjoni imressqa mill-Kunsill konvenut. Din taqra **testwalment** hekk:

*Illi prelimenarjament l-azzjoni tar-rikorrenti hija nulla stante li ma tirrispettax id-dettami tal-Artikolu 460 tal-Kap. 12 stante li n-notifiki tal-atti ġudizzjarju ma ġewx notifikati ai termini tal-Artikolu 181B et seq. Tal-Kap 12.*

Illi minn qari ta' din l-eċċezzjoni, u kif anke, trattaw l-kontendenti, jidher li din l-eċċezzjoni tista tinqasam fi tnejn. Fl-ewwel lok dak li jrid l-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u mbagħad dak li jrid wieħed mis-sub-artikoli tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (ma hemmx wieħed indikat).

Illi dwar l-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jingħad li huwa ben magħruf li nuqqas ta' tħaris ta' din id-dispożizzjoni twassal għan-nullitá ta' azzjoni li ma taqax taħt xi waħda mis-subinċiz tnejn tal-istess[12]. L-azzjoni odjerna

[10] Dan jinsab a fol 61 tal-proċess.
[11] Din tibda a fol 63 tal-proċess.
[12] Dwar din it-tematika wieħed huwa mistieden jara s-sentenza parzjali studjata fl-ismijiet **Paul Gauci *pro et noe* vs Sovrintendent Tal-Patrimonju Kulturali Noe, (Rik Ġur Nru: 573/2018**

ma hiex waħda minnhom u għalhekk jirriżulta li l-artikolu kellu jiġi segwit qabel il-ftuħ ta' dawn il-proċeduri.

Illi għalkemm hemm aċċenn għal ittra uffiċjali fl-Avviż tat-Talba, l-ebda wieħed mill-kontendenti ma ndenja ruħu jippreżenta kopja tal-istess. Minn indaġini li għamel dan it-Tribunal, u dan seta' jagħmlu għaliex huwa magħruf li jista jieħu kont ta' atti uffiċjali li jinsabu fl-edifiċju tal-Qorti[13], jirriżulta li l-ittra uffiċjali rigwardanti dawn il-proċeduri saret, u nħarġet ukoll notifika lill-Avukat Ġenerali (dan kien qabel il-bidu fis-seħħ tal-Kapitolu 603 tal-Liġijiet ta' Malta). Iż-żewġ konvenuti ġew notifikati.

Illi t-Tribunal peró qiegħed jagħmilha ċara li partijiet għandhom jippreżentaw kull att ġudizzjarju rilevanti fl-atti tal-proċediment magħmula quddiemu. M'għandux ikun li t-Tribunal irid joqgħod imur ifittex hu tali att, meta huwa obbligu fuq parti li tagħmel dan. Tassew, it-Tribunal qiegħed jara li ċertu grad ta' informaliżmu li jidher li ħakem l-operat quddiem dan it-Tribunal matul is-snin għadu jimmanifesta ruħu[14]. Dan qiegħed jirreka telf ta' żmien, minbarra l-fatt li jista jagħti lok għal riżultanzi diżastruzi.

---

**GM,** mogħtija mill-Prim awla tal-Qorti Ċivili nhar id-9 ta' Lulju 2019. Fuq l-istess binarju, issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Yorgen Fenech vs L-Avukat Ġenerali et,** (Rik Ġur Nru: 1142/19) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-15 ta' Lulju 2020. Iż-żewġ sentenzi huma attwalment appellati.

[13] F'dan is-sens, wieħed huwa mistieden jara l-insenjament mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Korporazzjoni Enemalta vs V&C Contractors Ltd**, (App Ċiv Nru 536/2008/1) deċiża fit-22 ta' Jannar 2010.

[14] Dan it-Tribunal, diversament presedut, ilu issa għal snin sħaħ jissenjala dan il-perikolu. Fost ħafna, wieħed huwa mistieden jara dak li ntqal fil-provvediment **Vodafone Malta Limited vs Zisa Logistics Malta Limited** (Tlb Nru: 49/2018KCX) deċiża minn dan it-Tribunal kif hemm presedut nhar il-10 ta' Lulju 2019. Dik is-sentenza ġiet riferuta wkoll fis-sentenza ta' dan it-Tribunal fl-ismijiet **Antoinette Duffin vs Shaun Zammit** (Tlb Nru: 548/2018) mogħtija nar is-16 ta' Settembru 2021.

Illi għalhekk l-eċċezzjoni, fejn din tirreferi għal dan l-artikolu (l-artikolu 460) hija ħażina.

Illi dwar it-tieni artikolu utilizzat f'din l-eċċezzjoni, t-Tribunal m'huwiex sejjer jieħu fit-tul. L-artikolu 181B(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta irid li l-Avukat tal-Istat (issa) jiġi notifikat b'xi proċedimenti sabiex, f'każ li xi entitá governattiva oħra ma tlaħħaqx tħejji xi risposta, ikun hu li jieħu ħsieb jagħmel dan. Fil-fatt, fit-tieni sub-artikolu tiegħu irid li l-Avukat tal-Istat ikollu leġittimita passiva ai fini ta' proċeduri b'mod biss sussidjarju, jekk ma jinstabx li hemm xi ħadt ieħor li għandu joqgħod in ġudizzju. Bl-istess mod, il-liġi trid li kwalunkwe terminu għar-risposta ma jibdiex jgħodd qabel ma jiġi notifikat l-istess Avukat tal-Istat. Din hija salvagwardja, peró bl-ebda mod ma ġġib in-nullitá ta' xi azzjoni, kif jippretendi l-Kunsill konvenut (u l-Awtoritá konvenuta li għamlet tagħha wkoll din l-eċċezzjoni).

Illi ma jista bl-ebda mod jingħad liż-żewġ konvenuti m'humiex formanti parti mill-Gvern[15].

Illi f'dawn il-proċedimenti, iż-żewġ konvenuti għażlu li fl-ewwel okkażżjoni permissibbli, iħejju u jippreżentaw r-risposti formali tagħhom. Għalhekk ma hemmx lok li dan it-Tribunal jordna li l-Avukat tal-Istat jiġi notifikat b'dawn l-atti. Dan iwassal biss għal dewmien inutili mhux ġustifikat. Wara kollox, il-konvenuti bl-ebda mod ma jistgħu jgħidu li ġew preġudikati għaliex huma stess ħejjew ir-risposti fiż-żmien meħtieġ.

---

[15] Dwar studju fuq din it-tifsira wieħed huwa mistieden jara digriet fil-proċediment diġa riferut u ċioé dawk fl-ismijiet **Paul Gauci *pro et noe* vs Sovrintendent Tal-Patrimonju Kulturali Noe.** Id-digriet relattiv ingħata fit-28 ta' Jannar 2019.

Illi finalment, it-Tribunal iħoss il-ħtieġa li jirrimarka li dak sottomess mid-difensur tas-soċjetá attriċi rigwardanti l-artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta kien u għadu totalment estranju għad dibattitu magħmul ai fini ta' din id-deċiżjoni. L-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jirrikjedi ħtieġa proċesswali speċjali minħabba n-natura tal-azzjoni (li huwa privileġġ), filwaqt li l-artikolu 789 tal-istess Kapitolu jitkellem dwar nullitajiet ta' atti.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi billi jiċħad t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Kunsill u jordna l-prosegwiment tal-kawża.

L-ispejjeż ta' din is-sentenza riżervati għal-ġudizzju finali.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur